MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2012

Numru. 653/2012

Il-Pulizija
(Sp Kylie Borg)
vs
Cezar Stan, iben Florian, imwieled Galati, ir-Romanija fil-25 ta' Mejju, 1984, karta ta' l-identita Rumena numru GL722981

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, ġewwa l-Belt, Valletta, fil-21 ta' Ġunju, 2012 għal ħabta tas-1.00 p.m. u fil-ħinijiet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
Ikkometta serq ta' wallets a detriment ta' Clare Jackson u Graziio Hili ta' 78 sena, liema serq hu aggravat bil-vjolenza li kienet diretta fuq il-persuna li kienet għalqet l-

eta’ ta’ sittin sena u bil-valur li jeċċedi €232.94 immma ma jeċċedix €2,329.40.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont misruq hu ta’ €285, li qegħdin fil-pussess tal-prosekuzzjoni u id-difiza ma oġġezzjonat li dawn il-flus jiġu ritornati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(ċ), 262, 267, 276, 276A u 277(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsdirat dwar il-piena. Illi l-imputat għandu fedina penali netta, ikkolabora mal-pulizija, ammetta fl-ewwel udjenza l-ħtijas tiegħu u irritorna r-refurtiva kollha. Minħabba f’dawn ir-raġunijiet hi l-fehma tal-Qorti li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ tlett xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------